

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfiesser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)  
> [Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż](#) > 1 - Id-drittijiet tiegħi bħala vittma ta' reat

## 1 - Id-drittijiet tiegħi bħala vittma ta' reat

X'informazzjoni nirċievi mingħand l-awtorità wara li jkun seħħ ir-reat (eż. il-pulizija, il-prosekutur pubbliku) iżda anki saħnsitra qabel ma nirrapporta r-reat?

Il-korpi ġudizzjarji u kwalunkwe istituzzjoni oħra tal-Istat li tinteraġixxi magħha jipprovdulek informazzjoni dwar is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi fi ħdan id-Direttorati Ġenerali għall-Ħidma Soċjali u l-Protezzjoni tat-Tfal (Direcții Generale de Asistență Socială și Protecție a Copilului - DGASPCs) u l-NGOs li jipprovdu tali servizzi li tista' tikkuntattja.

Int tirċievi dik l-informazzjoni kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub, permezz ta' formola li trid tiffirma u li tinkludi mill-inqas l-indirizz tas-servizz ta' appoġġ għall-vittmi fil-ġuriżdiżjoni tal-istituzzjoni li tipprovdi l-informazzjoni u lista tar-responsabbiltajiet tagħha.

L-ewwel korp ġudizzjarju (pulizija/prosekutur pubbliku) fejn tmur jew, fejn xieraq, is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, meta jsir l-ewwel kuntatt, jinfurmawk dwar id-drittijiet tiegħek u s-servizzi ta' appoġġ u protezzjoni li tista' tirċievi.

Int tirċievi informazzjoni dwar:

- it-tip ta' appoġġ li tista' tirċievi u min jista' jipprovdi, inkluża informazzjoni bażika dwar aċċess għal assistenza medika, konsulenza psikoloġika u akkomodazzjoni alternattiva;
- il-korp ta' investigazzjoni kriminali fejn tista' tressaq ilment;
- id-dritt għall-assistenza legali u l-istituzzjoni li tista' tikkuntattja għal dak il-għan;
- il-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tirċievi assistenza legali mingħajr ħlas;
- id-drittijiet tiegħek waqt il-proċedimenti kriminali (inklużi miżuri protettivi bħala xhud mhedded);
- il-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tirċievi kumpens finanzjarju mingħand l-Istat;
- id-dritt li tuża s-servizzi ta' medjatur;
- jekk tgħix fi Stat Membru ieħor tal-UE, informazzjoni dwar kif tippreżenta lment kriminali jew tapplika għal kumpens finanzjarju mill-Istat f'dak l-Istat Membru, u informazzjoni dwar kif tista' tinstema' mill-awtoritajiet ġudizzjarji Rumeni mingħajr ma tkun preżenti fir-Rumanija.

L-informazzjoni tiġi pprovduta lilek f'lingwa li int tista' tifhem. Int tirċievi wkoll formola b'din l-informazzjoni kollha, li trid tiffirma. Tista' tkun akkumpanjat(a) minn persuna tal-għażla tiegħek meta tikkuntattja lill-awtoritajiet għall-ewwel darba.

Jekk tippreżenta kwerela lill-korp ġudizzjarju, tirċievi rikonoxximent bil-miktub tar-rapport tiegħek. Il-kwerela tista' tiġi ppreżentata bil-miktub jew bil-fomm. Int tista' wkoll titlob lil persuna oħra biex tirrapporta r-reat għalik, iżda trid tipprovdi lil dik il-persuna bi prokura bil-miktub. Il-prokura bil-miktub, li trid tkun iffirmata minnek, tkun mehmuża mal-fajl tal-każ.

**Jien ma ngħixx fil-pajjiż tal-UE fejn seħħ ir-reat (ċittadini tal-UE u dawk li mhumiex). Kif inhuma protetti d-drittijiet tiegħi?**

Jekk int ċittadin barrani u sfajt vittma ta' reat fir-Rumanija, int intitolat(a) għad-drittijiet kollha taċ-ċittadini Rumeni li sfaw vittmi ta' reati.

Jekk ma titkellimx bir-Rumen, int intitolat għal interpretu mingħajr ħlas, li jgħinek waqt l-interazzjoni tiegħek mal-awtoritajiet. Dan ifisser li, meta tirrapporta r-reat, tkun tista' tippreżenta l-kwerela tiegħek u tirċievi l-informazzjoni li intitolat għaliha f'lingwa li tifhem.

Jekk tgħix fi Stat Membru ieħor, tista' tippreżenta l-ilment kriminali jew tapplika għal kumpens finanzjarju f'dak l-Istat Membru. Barra minn hekk, tista' tinstema' mill-awtoritajiet ġudizzjarji Rumeni mingħajr ma tkun preżenti fir-Rumanija.

Jekk int vittma tat-traffikar tal-bnedmin, int tista' tirċievi akkomodazzjoni f'ċentri speċjali ta' kenn, fejn int tkun protett(a). Matul il-proċedimenti kriminali, tirċievi informazzjoni dwar il-proċedimenti f'lingwa li tifhem; tista' tirċievi wkoll konsulenza psikoloġika u assistenza medika. L-awtoritajiet Rumeni jagħmlu ħilithom kollha biex jgħinuk tirritorna lura fil-pajjiż ta' oriġini tiegħek mill-aktar fis possibbli u jipprovdulek trasport sigur sal-fruntiera Rumena.

Jekk inti barrani, tista' titlob kumpens finanzjarju mill-Istat jekk inti vittma ta' wieħed minn dawn ir-reati: attentat ta' qtil jew attentat ta' qtil aggravat, kif ipprovdut fl-Artikoli 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali; offiża fuq il-persuna, kif ipprovdut fl-Artikolu 194 tal-Kodiċi Kriminali; reati intenzjonati li jirriżultaw f'offiża fuq il-persuna tal-vittma, u vjolenza domestika, kif ipprovdut fl-Artikolu 199 tal-Kodiċi Kriminali; stupru, konġunġiment karnali ma' minorenni jew attentat vjolenti għall-pudur, kif ipprovdut fl-Artikoli 218 sa 220 tal-Kodiċi Kriminali; traffikar tal-bnedmin jew traffikar tat-fjal, kif ipprovdut fl-Artikoli 210 u 211 tal-Kodiċi Kriminali, terroriżmu jew kwalunkwe reat vjolenti intenzjonali ieħor.

Tista' tirċievi wkoll vawċers imfassla biex jissodisfaw ħtiġijiet urġenti, sa ammont ekwivalenti għal ħames pagi minimi bażiċi nazzjonali grossi. "Ħtiġijiet urġenti" huma relatati mal-ikel, l-akkomodazzjoni, it-trasport, il-mediċini u l-provvisti sanitarji, kif ukoll l-iġjene u l-materjali personali, espressi b'mod espliċitu jew impliċitu, li n-nuqqas tagħhom jista' jaffettwa b'mod negattiv l-interessi immedjati tiegħek. It-talbiet jistgħu jiġu ppreżentati lill-Kumitat għall-Kumpens Finanzjarju għall-Vittmi tal-Kriminalità fil-Qorti ta' Bukarest.

Int intitolat ukoll għal assistenza legali mingħajr ħlas jekk kont vittma ta' attentat ta' qtil, attentat ta' qtil aggravat, offiża fuq il-persuna, reat intenzjonat li rriżulta f'offiża fuq il-persuna, stupru, attentat vjolenti għall-pudur, konġunġiment karnali ma' minorenni jew korruzzjoni sesswali ta' minorenni. Il-konjuġi, it-fjal u d-dipendenti ta' persuni mejta bħala riżultat ta' qtil, qtil aggravat u reati intenzjonati li jirriżultaw fil-mewt tal-vittma huma intitolati wkoll għal assistenza legali mingħajr ħlas.

## Jekk nirrapporta reat, x'informazzjoni nirċievi?

Meta tirrapporta reat, l-uffiċjal tal-pulizija li jieħu r-rapport tiegħek jispjegalek x'se jiġri wara. Tkun infurmat bid-drittijiet tiegħek u s-servizzi li tista' tirċievi. Il-pulizija hi obligata tfassal rapport bil-miktub li jindika l-informazzjoni li pprovdietlek.

Int tirċievi informazzjoni dwar:

- id-drittijiet tiegħek matul il-proċedimenti kriminali;
- l-organizzazzjonijiet li tista' tikkuntattja għall-assistenza u s-servizzi li jipprovdut;
- kif int tista' tirċievi protezzjoni;
- il-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tirċievi kumpens finanzjarju mingħand l-Istat;
- il-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tirċievi rappreżentanza legali mingħajr ħlas;
- il-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tirċievi rappreżentanza legali mingħajr ħlas;
- id-dritt li tuża s-servizzi ta' medjatur;
- jekk l-imputat ikun imċaħħad mil-libertà tiegħu/tagħha jew jingħata sentenza ta' priġunerija, id-dritt tiegħek li tkun infurmat dwar il-ħelsien tiegħu/tagħha;
- jekk tgħix fi Stat Membru ieħor, informazzjoni dwar kif tista' tapplika għal kumpens finanzjarju mill-Istat f'dak l-Istat Membru, u informazzjoni dwar kif tista' tinstema' mill-awtoritajiet ġudizzjarji Rumeni mingħajr ma tkun preżenti fir-Rumanija.

Wara, matul il-proċedimenti, int tkun tista' tirċievi informazzjoni dwar il-progress tal-investigazzjoni u, jekk il-prosekutur jiddeċiedi li ma jirrinjaw il-każ lill-qorti, kopja ta' dik id-deċiżjoni. Sabiex tirċievi dik l-informazzjoni, int trid tippreżenta talba lill-uffiċjal tal-pulizija jew lill-prosekutur li jkun qed imexxi l-każ tiegħek u tindika indirizz postali fir-Rumanija, jew indirizz tal-posta elettronika jew ta' messaġġier elettroniku fejn tista' tiġi kkuntattjat.

Jekk il-prosekutur jiddeċiedi li jirrinwija l-każ lill-qorti għal proċess, int tiġi mħarrek/imħarrika biex tidher quddiem il-qorti.

Jekk tkun se tinstema' fil-qorti, int tiġi informat(a) ukoll dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħek, kif ġej:

- id-dritt li tkun assistit(a) minn avukat jew, jekk applikabbli, li tirċievi rappreżentanza legali mingħajr ħlas;
- id-dritt li tuża s-servizzi ta' medjatur f'tali każijiet kif permessi bil-liġi;
- id-dritt li tipproponi l-produzzjoni ta' provi, li tqajjem oġġezzjonijiet u li tagħmel sottomissjonijiet skont il-liġi;
- id-dritt li tiġi informat(a) dwar il-progress tal-proċedimenti;
- id-dritt li tippreżenta kwerele preliminari, fejn dan ikun meħtieġ (għal ċerti tipi ta' reati, ikollok bżonn tippreżenta rikors fil-forma ta' kwerele preliminari sabiex jiproċedi l-każ kontra t-trażgressur). Il-korpi ġudizzjarji jipprovdu kjarifiki dwar din il-kwistjoni fejn ikun hemm bżonn. Billi tissottometti kwerele preliminari, tkun qed titlob li jitkomplew il-proċedimenti kriminali kontra t-trażgressur. Kwerele preliminari hija differenti minn kwerele li inti tippreżenta lill-pulizija jew lill-prosekutur pubbliku biex tirrapporta li seħħ reat kontrik.
- id-dritt li ssir parti ċivili fil-proċedimenti;
- l-obbligu li tirrapporta lill-korpi ġudizzjarji kull meta tiġi mħarrek;
- l-obbligu li tinnotifika kull tibdil fl-indirizz;
- id-dritt li tiġi informat(a) dwar kull rilaxx tat-trażgressur, meta t-trażgressur jingħata sentenza ta' priġunerija jew jitqiegħed taħt kustodja.

**Jien intitolat(a) għal servizzi ta' interpretazzjoni jew traduzzjoni mingħajr ħlas (meta nikkuntattja lill-pulizija jew lil awtoritajiet oħrajn, jew matul l-investigazzjoni u l-proċess)?**

Iva. Int intitolat(a) għal servizzi ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni matul il-proċedimenti kriminali.

**Kif tista' l-awtorità tiżgura li qed nifhem u li qed ninftiehem (jekk jien minuri; jekk għandi diżabilità)?**

Il-korp ġudizzjarju jista' jordna li l-interrogazzjoni ta' vittmi li jeħtieġu protezzjoni taħt il-liġi jsiru permezz jew fil-preżenza ta' psikologu jew persuna oħra li tispeċjalizza fil-konsulenza għall-vittmi.

Il-vittmi b'nuqqas ta' taħdit jew smiġh jiġu interrogati fil-preżenza ta' persuni li jistgħu jikkomunikaw bl-użu tal-lingwa tas-sinjali. F'tali każijiet, tista' wkoll tikkomunika bil-miktub.

**Servizzi ta' appoġġ għall-vittmi**

Sabiex jirċievu appoġġ u protezzjoni xierqa, il-vittmi jiġu vvalutati individwalment. Il-vittmi jiġu vvalutati minn servizzi ta' appoġġ għall-vittmi jew minn fornituri privati ta' servizzi soċjali. Fejn xieraq, dawk is-servizzi jikkooperaw mal-fornituri tal-kura tas-saħħa pubbliċi jew privati, bil-kunsens tal-vittma.

Is-servizzi ta' appoġġ u protezzjoni pprovdu kemm lill-vittmi ta' reati kif ukoll lill-membri tal-familja tagħhom jistgħu jikkonsistu minn:

- informazzjoni dwar id-drittijiet tal-vittma;
- konsulenza psikoloġika, pariri dwar ir-riskji ta' vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta jew ta' intimidazzjoni u ritaljazzjoni;
- parir marbut ma' kwistjonijiet finanzjarji u prattiċi li jqumu mill-att kriminali;
- servizzi soċjali ta' inserzjoni/inserzjoni mill-ġdid;
- appoġġ emozzjonali u soċjali għar-riintegrazzjoni soċjali;
- informazzjoni u pariri fir-rigward tar-rwol tal-vittma waqt il-proċedimenti kriminali, inkluż preparamenti għall-parteċipazzjoni fil-proċess; riferiment tal-vittma għal servizzi speċjalizzati oħra, fejn xieraq: servizzi soċjali, servizzi tal-kura tas-saħħa, servizzi tal-impjeg, servizzi tal-edukazzjoni jew servizzi oħra tal-interess ġenerali pprovdu skont il-liġi.

Servizzi ta' appoġġ u protezzjoni jistgħu jiġu pprovdu:

1. f'ċentri ta' matul il-jum, li prinċipalment jipprovdu informazzjoni, konsulenza, appoġġ emozzjonali u soċjali għar-reintegrazzjoni soċjali, konsulenza psikoloġika, konsulenza legali, konsulenza finanzjarja, servizzi ta' inseriment/inseriment soċjali mill-ġdid, eċċ.;
2. ċentri residenzjali, li jipprovdu akkomodazzjoni interim xierqa għal vittmi li jeħtieġu post sikur minħabba riskju imminenti ta' vittimizazzjoni, intimidazzjoni jew ritaljazzjoni sekondarja u ripetuta.

Il-vittmi tal-vjolenza domestika jew tat-traffikar tal-bnedmin jistgħu jiġu akkomodati f'ċentri ta' akkoljenza residenzjali fejn, għal perjodu limitat ta' żmien, huma u l-minuri taħt il-ħarsien tagħhom jirċievu assistenza tal-familja, protezzjoni kontra t-trażgressur, kura medika u servizzi ta' ħarsien, ikel, akkomodazzjoni, konsulenza u assistenza legali mingħajr ħlas.

Aktar dettalji dwar is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi tal-vjolenza domestika jistgħu jinstabu [hawnhekk](#).

## Min jipprovdi l-appoġġ lill-vittmi?

Hemm servizz ta' appoġġ għall-vittmi fi ħdan kull Direttorat Ġenerali għall-Ħidma Soċjali u l-Protezzjoni tat-Tfal (DGASPC).

L-appoġġ għall-vittmi jista' jiġi pprovdut ukoll minn fornituri privati tas-servizzi soċjali.

Jekk inti vittma ta' vjolenza domestika, tista' tikkuntattja lill-Aġenzija Nazzjonali għall-Opportunitajiet Indaqqs bejn in-Nisa u l-Irġiel (Aġenzija Nażjonală pentru Egalitate de Şanse între Bărbaţi şi Femei) u d-Direttorati Ġenerali għall-Ħidma Soċjali u l-Protezzjoni tat-Tfal (DGASPCs).

Jekk għandek inqas minn 18-il sena u kont vittma ta' reat, tista' tikkuntattja lill-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal u l-Adozzjoni (Autoritatea Naţională pentru Protecţia Drepturilor Copilului şi Adopţie – ANPDCA) u d-Direttorati Ġenerali għall-Ħidma Soċjali u l-Protezzjoni tat-Tfal (DGASPCs).

Jekk int kont vittma tat-traffikar tal-bnedmin, tista' tikkuntattja lill-Aġenzija Nazzjonali Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (Aġenzia Naţională împotriva Traficului de Persoane - ANITP) fil-Ministeru tal-Affarijiet Interni (Ministerul Afacerilor Interne - MAI).

Il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa l-awtorità ta' għajnuna Rumena responsabbli għall-proċedura ta' kumpens finanzjarju għall-vittmi ta' reati vjolenti intenzjonati mwettqa fit-territorju ta' Stat Membru, għajr dak fejn il-vittma tirisjedi legalment.

Hemm ukoll numru ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs) li jipprovdu diversi tipi ta' appoġġ għall-vittmi. L-istituzzjoni li tikkuntattja tidderiġik għall-NGO rilevanti.

## Il-pulizija tirreferini awtomatikament għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi?

Iva, il-korpi ġudizzjarji jridu jirreferuk għat-tali servizzi.

## Kif tiġi protetta l-privatezza tiegħi?

Informazzjoni, appoġġ u protezzjoni huma pprovduti lill-vittmi tal-kriminalità b'mod li tiżgura l-kunfidenzjalità tad-*data* personali tagħhom u ta' kwalunkwe informazzjoni dwar il-ħajja privata tal-vittma u d-diffikultà li qed tiffaċċja l-vittma. Is-servizzi ta' appoġġ huma pprovduti fuq bażi anonima u ma jeħtiġux il-konklużjoni ta' kuntratt mal-benefiċjarji.

Id-*data* dwar vittmi ta' reati jinżammu għal sena. Jistgħu jintużaw għal attivitajiet ta' appoġġ u protezzjoni tal-vittmi jew jiġu pprovduti lil korpi ġudizzjarji fuq talba tagħhom. Id-*data* maħżuna titħassar meta jkun skada l-perjodu ta' sena.

Jekk tirċievi servizzi ta' appoġġ u protezzjoni għall-vittma, id-*data* ta' identifikazzjoni tiegħek tinżamm matul il-perjodu li matulu japplikaw dawn il-miżuri u għal tliet xhur wara li jintemm dak il-perjodu.

Il-post taċ-ċentri ta' akkomodazzjoni għall-vittmi tal-vjolenza domestika u t-traffikar tal-bnedmin jinżamm sigriet.

Kemm matul l-investigazzjoni kriminali kif ukoll matul il-proċedimenti tal-qorti, jekk il-korpi ġudizzjarji jqisu li l-privatezza jew id-dinjità tiegħek jistgħu jkunu affettwati minħabba l-informazzjoni li tipprovdi jew minħabba kawżi oħra, dawn jistgħu jieħdu għadd ta' miżuri, fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tiegħek, biex jiproteġu l-kunfidenzjalità u l-privatezza tiegħek, bħal pereżempju:

- il-protezzjoni tad-dettalji dwar l-identità tiegħek;
- l-interrogazzjoni/is-smiġħ tiegħek isiru b'mezzi awdjoviżivi, bil-leħen u d-dehra tiegħek li jiġu distorti, mingħajr ma jkun hemm bżonn li int tkun preżenti, fejn il-miżuri l-oħra ma jkunux biżżejjed;
- is-seduta tal-qorti tinżamm privata matul l-interrogazzjoni tiegħek.

Barra minn hekk, matul il-proċedimenti tal-qorti, il-qorti tista' tipprojbixxi l-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe testi, tpinġijiet, ritratti jew stampi li jistgħu jikxfu l-identità tiegħek.

Il-qorti tista' tiddikjara wkoll is-sessjoni tal-qorti bħala waħda privata jekk seduta pubblika tista' taffettwa d-dinjità jew il-privatezza tiegħek.

## Għandi nirrapporta reat qabel ma nkun nista' nikseb aċċess għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi?

M'għandekx għalfejn tressaq ilment mal-korpi ta' investigazzjoni kriminali sabiex ikollok aċċess għal informazzjoni, appoġġ u protezzjoni mogħtija lill-vittmi ta' reati.

Protezzjoni personali jekk inkun fil-periklu

## X'tipi ta' protezzjoni huma disponibbli?

Kemm matul l-investigazzjoni kriminali kif ukoll matul il-proċedimenti tal-qorti, int tkun intitolat(a) għal miżuri protettivi, meta l-korpi ġudizzjarji jqisu li int tista' tkun f'periklu.

Hu ferm importanti li int tkun taf li, jekk il-korpi ġudizzjarji jqisu li int tista' tkun fil-periklu minħabba xi informazzjoni li tipprovdi jew minħabba kwalunkwe raġuni oħra, dawn jistgħu jieħdu ċerti miżuri, fuq talba tiegħek jew minn jeddom, biex jiżguraw il-protezzjoni tiegħek, bħal:

- il-provvista ta' sorveljanza jew ta' sigurtà madwar id-dar jew l-akkomodazzjoni temporanja tiegħek;
- il-provvista ta' skorta u ta' protezzjoni lilek jew lill-membri tal-familja tiegħek matul il-vjaġġi;
- il-protezzjoni tad-dettalji dwar l-identità tiegħek (*data* personali tista' titneħħa mill-fajl biex tiġi protetta l-identità tiegħek billi din tinżamm sigrieta);
- l-interrogazzjoni/is-smiġħ tiegħek isiru b'mezzi awdjoviżivi, bil-leħen u bid-dehra tiegħek distorti, mingħajr ma jkun hemm bżonn li int tkun preżenti, meta l-miżuri l-oħra ma jkunux biżżejjed (b'dan il-mod, int ma jkollokx bżonn tidher quddiem l-uffiċjal tal-pulizija, il-prosekutur jew l-imħallef u ma tkunx fl-istess post bħat-trażgressur);
- is-sessjoni tal-qorti tinżamm privata matul l-interrogazzjoni tiegħek.

Barra minn hekk, matul il-proċedimenti tal-qorti, il-qorti tista' tipprojbixxi l-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe testi, tpinġijiet, ritratti jew stampi li jistgħu jikxfu l-identità tiegħek.

Barra minn hekk, jekk int xhud fil-proċedimenti kriminali jew, anki meta ma tkunx involut fil-każ, int tipprovdi informazzjoni li tgħin lill-korpi ġudizzjarji jsolvu l-każijiet relatati ma' reati serji jew jipprevjenu milli jseħħu danni sinifikanti, int tista' titlob lill-uffiċjal tal-pulizija jew lill-prosekutur li jmexxi l-investigazzjoni biex iqiegħdek taħt il-programm tal-protezzjoni tax-xhieda. Dan il-programm jinkludi numru ta' miżuri bħal:

- identità sigrieta, inkluża parteċipazzjoni fis-seduti bil-leħen jew bid-dehra tiegħek distorti;
- protezzjoni mill-pulizija ta' darek u skorta tal-pulizija meta tissejjaħ biex tirrapporta għand il-korpi ta' investigazzjoni kriminali;
- rilokazzjoni;
- tibdil fl-identità, inkluż it-tibdil tad-dehra tiegħek, jekk ikun hemm bżonn.

Jekk int tidħol fil-programm tal-protezzjoni tax-xhieda, int tkun tista' tirċievi assistenza addizzjonali bħal:

- dħul mill-ġdid f'ambjent soċjali differenti;
- kisba ta' kwalifiki professjonali ġodda;
- impjeg ġdid;
- appoġġ finanzjarju sakemm issib impjeg ġdid.

Jekk ikun hemm bżonn, il-qraba tal-ewwel grad tiegħek (bħat-tfal jew il-ġenituri tiegħek) u l-konjuġi tiegħek jistgħu jidħlu fil-programm tal-protezzjoni tax-xhieda wkoll.

Jekk int ma tidħolx fil-programm tal-protezzjoni tax-xhieda matul l-investigazzjoni kriminali, tista' tapplika lill-qorti biex tiġi inkluż/a.

Protezzjoni addizzjonali hi disponibbli, skont it-tip ta' reat:

- Jekk int vittma ta' vjolenza domestika, tista' titlob lill-pulizija biex tneħħi lit-trażgressur immedjatament mid-dar kondiviża tagħkom permezz ta' ordni ta' protezzjoni temporanja, li tibqa' fis-seħħ sakemm il-qorti tkun ħarġet ordni ta' protezzjoni. Inkella int, bħala vittma, tista' tkun akkomodat(a) f'ċentru għal vittmi ta' vjolenza domestika. Akkomodazzjoni bħal din hija disponibbli biss f'każijiet urġenti jew bl-approvazzjoni tal-maniġment ta'ċentru. Ladarba tkun fiċ-ċentru, int tista' tirċievi akkomodazzjoni, ikel, kura medika, konsulenza psikoloġika u assistenza legali mingħajr ħlas.
- Jekk int vittma ta' traffikar tal-bnedmin, int tista' tkun akkomodat(a) f'ċentru għall-protezzjoni tal-vittmi. Skont il-liġi, l-akkomodazzjoni hija disponibbli għal perjodu massimu ta' 90 jum, iżda l-qorti tista' testendi s-soġġorn tiegħek sakemm jintemmu l-proċedimenti. Is-sessjonijiet tal-qorti f'każijiet li jikkonċernaw it-traffikar tat-tfal huma privati. Barra minn hekk, f'każijiet bħal dawn, minuri taħt l-14-il sena jinstemgħu fil-preżenza ta' psikologu u rappreżentant tad-Direttorat Ġenerali għall-Fidma Soċjali u l-Protezzjoni tat-Tfal.

Jekk int temmen li tinsab fil-periklu, għandek tinforma lill-uffiċjal tal-pulizija, lill-prosekutur jew lill-imħallef u tipprovdi l-akbar ammont ta' informazzjoni possibbli.

Il-miżuri stipulati hawn fuq huma disponibbli kemm għall-istadju tal-investigazzjoni kriminali kif ukoll matul il-proċedimenti tal-qorti.

## Min jista' joffrili protezzjoni?

Int tirċievi l-protezzjoni tal-Pulizija Rumena.

## Hemm xi ħadd li jivvaluta l-każ tiegħi sabiex jara jekk ninsabx f'riskju ta' aktar dannu mit-trażgressur?

Sabiex tiġi evitata vittimizzazzjoni sekondarja, inti tkun valutat(a) malajr kemm jista' jkun wara l-identifikazzjoni tiegħek, sabiex in-numru ta' dikjarazzjonijiet u valutazzjonijiet mediċi/psikoloġiċi/soċjali jinżamm għal minimu.

Id-dipartimenti ta' appoġġ għall-vittmi/il-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi joffrulek konsulenza dwar ir-riskji ta' intimidazzjoni u ritaljazzjoni. Sabiex tevita r-riskju ta' intimidazzjoni u ritaljazzjoni, tista' tkun akkomodat(a) temporanjament f'ċentri residenzjali.

Jekk tkun għadek fil-periklu wara li jintemm il-proċess kriminali, il-korpi ġudizzjarji jikkunsidraw jekk għandekx tiġi inkluż(a) fi programm ta' protezzjoni tax-xhieda, sakemm ma tkunx diġà parti minn programm bħal dan.

Jekk int sfajt vittma ta' traffikar tal-bnedmin, vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib, kriminalità organizzata, terroriżmu jew kategoriji oħra ta' kriminalità, int tkun meqjus(a) bħala vittma vulnerabbli u tirċievi l-protezzjoni prevista mil-liġi għal xhieda mhedda jew vulnerabbli.

## Ikun hemm xi ħadd li jivvaluta l-każ tiegħi biex jara jekk ninsabx f'riskju ta' aktar dannu mis-sistema tal-ġustizzja kriminali (matul l-investigazzjoni u l-proċess)?

Iva, il-każ tiegħek jista' jiġi vvalutat. Pereżempju, jekk sfajt vittma ta' ċerti kategoriji ta' reati (vjolenza domestika,

stupru, attakk sesswali eċċ.), int tinstema' biss minn persuna tal-istess sess, jekk int titlob hekk.

It-tieni interrogazzjoni tal-vittma ssir biss jekk tkun strettament neċessarja għall-fini tal-proċedimenti kriminali biex tiġi evitata ħsara ulterjuri.

Biex tiġi evitata vittimizazzjoni sekondarja kkawżata minn interrogazzjoni ripetuta tal-vittma mill-korpi ġudizzjarji, il-liġijiet dwar il-proċedura kriminali jeħtieġu wkoll li parti li tkun sofriet id-dannu li tkun irrappurtat reat għandha tinstema' immedjatament jew, meta dan ma jkunx possibbli, wara li tippreżenta l-ilment, mingħajr dewmien żejjed.

Il-vittmi ta' reati jiġu offruti kmamar ta' stennija separati fil-qorti.

## X'tip ta' protezzjoni hija disponibbli għall-vittmi vulnerabbli ħafna?

Jekk int vittma vulnerabbli, int tista' tibbenefika mill-miżuri protettivi spjegati fit-tweġibiet mogħtija aktar 'il fuq dwar il-protezzjoni tax-xhieda.

## Jiena minorenni - għandi drittijiet speċjali?

Jekk int minuri u sfajt vittma ta' sfruttament, vjolenza, abbuż, negliġenza jew trattament ħażin jew ta' kwalunkwe reat ieħor, kull persuna, inkluż(a) int, tista' tirrapporta r-reat lill-pulizija.

Il-minuri jitqiesu sa mill-bidu nett vittmi vulnerabbli u l-awtoritajiet għandhom jinformatli dwar il-miżuri protettivi li tista' tirċievi.

Jekk il-korp ġudizzjarju ma jistax jiddetermina l-età tiegħek u hemm raġunijiet biex jemmen li inti minorenni, tiġi preżunt li inti minorenni.

Vittmi minuri ta' vjolenza jiġu vvalutati u pprovduti b'appoġġ u protezzjoni taħt il-liġi mid-dipartimenti speċjalizzati tad-Direttorati Ġenerali għall-Ħidma Soċjali u l-Protezzjoni tat-Tfal li huma responsabbli għall-intervent f'każijiet ta' abbuż, negliġenza, traffikar, migrazzjoni u ripatrijazzjoni.

Il-minuri jistgħu jirċievu assistenza mingħand l-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal u għall-Adozzjoni.

Minuri abbużat jew ittraskurat jew minuri li esperjenza xi forma ta' vjolenza jista' jitqiegħed temporanjament ma' familja oħra, ma' ġenitur surrogat jew f'ċentru speċjali, bħala miżura ta' emerġenza.

Jekk tissejjaħ biex tidher quddiem il-korpi ta' investigazzjoni kriminali u għandek inqas minn 14-il sena, trid tkun akkumpanjat mill-ġenituri jew mill-kustodju tiegħek jew mir-rappreżentant tal-istituzzjoni f'data bit-trobbija u l-edukazzjoni tiegħek, kif ukoll minn psikologu determinat mill-korp ġudizzjarju. Il-psikologu jipprovdri parir espert lill-minorenni matul il-proċedimenti legali. Jekk il-ġenituri jew il-kustodji tiegħek ikunu involuti wkoll fil-proċedimenti kriminali jew jista' jkollhom interess li jinfluwenzaw l-istqarrija tiegħek, tiġi intervistat fil-preżenza ta' rappreżentant tal-awtorità tal-kustodja jew ta' qarib b'kapaċità legali sħiħa, kif ukoll ta' psikologu magħżul mill-korp ġudizzjarju.

Jekk is-seduta tikkonċerna l-ħidma tal-istituzzjoni f'data bit-trobbija u l-edukazzjoni tiegħek, ir-rappreżentant ta' dik l-istituzzjoni għandu jiġi sostitwit mir-rappreżentant tal-awtorità tal-kustodja jew minn qarib b'kapaċità legali sħiħa, kif ukoll minn psikologu magħżul mill-korp ġudizzjarju.

L-interrogazzjoni għandha tkun irreġistrata. Jekk dan ma jkunx possibbli, għandu jkun speċifikat fid-dikjarazzjoni tiegħek, waqt li tagħti r-raġunijiet.

Tista' tinstema' mill-istess persuna fi kmamar iddeżinjati/adattati apposta, jekk possibbli.

Fl-investigazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' reati, l-interrogazzjonijiet jistgħu jsiru minn persuna tal-istess sess bħall-vittma. Int tista' tkun akkumpanjat(a) ukoll minn persuna tal-għażla tiegħek.

Int intitolat(a) għal rappreżentant legali matul il-proċedimenti. Jekk m'għandekx konsulent legali, il-qorti tgħinek issib wieħed. Jekk il-familja tiegħek ma taffordjax tħallas għas-servizzi tal-konsulent, int tkun intitolat(a) għal assistenza legali mingħajr ħlas.

F'każijiet li jikkonċernaw reati ta' traffikar tal-bnedmin, minuri taħt l-14-il sena jinstemgħu fil-preżenza ta' mill-inqas wieħed mill-ġenituri tagħhom jew rappreżentant legali ieħor. Barra minn hekk, għandhom jiġu msejħa wkoll psikologu u rappreżentant tad-Direttorat Ġenerali għax-Xogħol Soċjali u l-Protezzjoni tat-Tfal.

## Il-membru tal-familja tiegħi miet kaġun tar-reat - x'inhuma d-drittijiet tiegħi?

F'dan il-każ, int vittma ta' reat u intitolat(a) għas-servizzi kollha ta' appoġġ u protezzjoni stabbiliti hawn fuq, inklużi informazzjoni, konsulenza psikoloġika, assistenza legali, riferiment għal servizzi tal-kura tas-saħħa, servizzi ta' inseriment soċjali/inseriment soċjali mill-ġdid eċċ.

Il-konjuġi, it-tfal u d-dipendenti ta' persuna li mietet bħala riżultat ta' qtil u qtil aggravat kif stabbilit fl-Artikoli 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll ta' reati intenzjonali li jirriżultaw fil-mewt tal-vittma huma intitolati għal assistenza legali mingħajr ħlas u kumpens finanzjarju mill-Istat.

Assistenza legali b'xejn hija disponibbli wkoll għal kategoriji oħra ta' reati, jekk id-dħul ta' kull xahar tal-vittma għal kull membru tal-familja ma jkunx ogħla mis-salarju bażiku minimu nazzjonali stabbilit għas-sena meta jiġi ppreżentat ir-rikors għal assistenza legali b'xejn.

## Il-membru tal-familja tiegħi kien vittma ta' reat - x'inhuma d-drittijiet tiegħi?

Jekk jogħġbok ara hawn fuq.

## Jista' jkollu aċċess għas-servizzi ta' medjazzjoni? X'inhuma l-kundizzjonijiet? Inkun sikur(a) waqt il-medjazzjoni?

Il-medjazzjoni hija possibbli fil-każ ta' reati li huma kkunsidrati inqas serji taħt il-liġi kriminali. Il-proċedura tista' tiġi applikata biss jekk kemm int kif ukoll it-trażgressur taqblu li tiegħu sehem. Matul il-proċedura ta' medjazzjoni, inti tiġi mistieden/mistiedna għal sensiela ta' laqgħat mat-trażgressur biex taraw jekk hijiex possibbli rikonċiljazzjoni. Persuna msejħa medjatur tiffaċilita l-laqgħat. Jekk fi tmiem il-proċedura tkun wasalt għal ftehim mat-trażgressur, tista' tirtira l-ilment tiegħek u l-każ jingħalaq. Jekk il-proċedura ma tirnexxix, il-proċedimenti kriminali jkomplu bħallikieku ma seħħet ebda medjazzjoni.

## Fejn nista' nsib il-liġi li tgħid x'inhuma d-drittijiet tiegħi?

- Il-Liġi Nru 135/2010 dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, kif emendata (Legea nr. 135/2010 privind Codul de procedură penală)
- Il-Liġi Nru 678/2001 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, kif emendata (Legea nr. 678/2001 privind prevenirea și combaterea traficului de persoane)
- Deċiżjoni tal-Gvern Nru 1216/2001 li tapprova l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (Hotărârea de Guvern nr. 1216/2001 privind aprobarea Planului național de acțiune pentru combaterea traficului de ființe umane)
- Il-Liġi Nru 211/2004 dwar ċerti miżuri biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, kif emendata (Legea 211/2004 privind unele măsuri pentru asigurarea protecției victimelor infracțiunilor)
- Deċiżjoni tal-Gvern Nru 1238/10 ta' Ottubru 2007 li tapprova l-istandards speċifiċi nazzjonali għal servizzi ta' assistenza speċjalizzati lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin (Hotărârea Guvernului nr. 1238 din 10 octombrie 2007 pentru aprobarea Standardelor naționale specifice pentru Serviciile specializate de asistență a victimelor traficului de persoane)
- Il-Liġi Nru 217/2003 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza domestika, kif emendata (Legea 217/2003 pentru prevenirea și combaterea Violenței în familie)
- Il-Liġi Nru 272/2004 dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal, kif emendata (Legea 272/2004 privind protecția și promovarea drepturilor copilului)
- Il-Liġi Nru 682/2002 dwar il-protezzjoni tax-xhieda, kif emendata (Legea 682/2002 privind protecția martorilor)
- Il-Liġi Nru 192/2006 dwar il-medjazzjoni u l-organizzazzjoni tal-professjoni ta' medjatur, kif emendata (Legea 192/2006 privind medierea și organizarea profesiei de mediator)
- Il-Liġi Nru 230 tad-19 ta' Lulju 2022 li temenda u tissupplimenta l-Liġi Nru 318/2015 dwar l-istabbiliment, l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni tal-Assi Maqbuda, li

temenda u tissupplimenta ċerti atti leġislattivi u li temenda u tissupplimenta l-Liġi Nru 135/2010 dwar il-Kodiċi ta' Proċedura (Leġea nr. 230 din 19 iulie 2022 privind modificarea și completarea Legii nr. 318/2015 pentru înființarea, organizarea și funcționarea Agenției Naționale de Administrare a Bunurilor Indisponibilizate și pentru modificarea și completarea unor acte normative, precum și pentru modificarea și completarea Legii nr. 135/2010 privind Codul de procedură)

- Id-Deċiżjoni Nru 541 tat-8 ta' Ġunju 2023 li tapprova l-metodoloġija għall-ħruġ, id-distribuzzjoni u s-saldu ta' vawċers maħsuba għall-vittmi tal-kriminalità, li tiddetermina l-ammont tagħhom, u l-kriterji għall-għażla ta' entitajiet pubbliċi u privati involuti fil-mekkaniżmu tal-għoti, u li tissupplimenta d-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 652/2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Ministeru tal-Ġustizzja (Hotărârea nr. 541 din 8 iunie 2023 pentru aprobarea Metodologiei de emitere, distribuire și decontare a voucherelor destinate victimelor infracțiunii, pentru stabilirea cuantumului acestora, precum și a criteriilor de selectare a entităților publice și private înrolate în mecanismul de acordare și pentru completarea Hotărârii Guvernului nr. 652/2009 privind organizarea și funcționarea Ministerului Justiției)

■ L-aħħar aġġornament: 09/07/2025

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.